MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2003

Numru 287/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO CARUANA**

**VS**

**RAYMOND ABELA**

**Illum 18 ta' Gunju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Abela ta’ 36 sena bin Joseph u Carmen nee’ Cortis,

imwieled l-Australia fit-3 ta’ Settembru 1966, li joqghod, 14, Carisma, Triq l-Emigranti, Naxxar pero’ li bhalissa qed mizmum fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, detentur tal-karta ta’ identita’ 126583 M;

Talli f’Bahar ic-Caghaq, fil-perjodu ta’ bejn l-20 ta’ Gunju u s-6 ta’ Lulju 1997, ikkommetta serq mill-fond Blandon, Triq in-Naxxar ta’ somma flus, kwantita’ ta’ gojjelli u xi affarijiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Carmel Joseph Briffa;

Talli fis-6 ta’ Lulju 1997, u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, f’Malta xjentement laqgha’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli fis-6 ta’ Lulju 1997 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti ukoll jewkk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda u cioe’ talli:

Iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

Talli fl-istess perjodu ta’ zmien, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwlifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra

sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn hames mitt lira maltin (Lm500) u li sar ghad-detriment ta’ Carmel Joseph Briffa.

Wara li rat l-Artikoli 261 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, u cioe’ l-ewwel, it-tielet u r-raba, ma’ jhallu l-ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, cioe’ dik ta’ ricettazzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali ta’ l-imputat, kif ukoll wara li assikurat ruhha illi l-imputat qieghed u qabad it-triq it-tajba, temmen illi piena karcerarja mhix adekwata ghall-imputat. Izda min-naha l-ohra, l-obbligu ta’ l-imputat lejn is-socjeta’ ghandu jigi mhallas u ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda, waqt illi tibghat lill-imputat ghall-perjodu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) u tordna izda, illi, a tenur ta’ l-Artikolu 28H, dan it-terminu jigi sospiz ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin cioe’ ma’ jigix servut jekk l-imputat ma’

jinstabx hati ghal reat li ghalih igib mieghu l-piena ta' prigunerija. Ukoll a tenur ta'

l-istess artikolu 28H, il-Qorti qeghda tordna lill-imputat sabiex ihallas lid-derubati Briffa, l-ammont ta' elf u mitejn lira maltin (Lm1,200) fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------